*- KOLLIZJONI -*

- *SORPASS –*

- *SELF INFLICTED INCAPACITY –*

- *WRONG SIDE OF THE ROAD –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 34**
**Citazzjoni Numru: 409/00/RCP**

**Elmo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta` estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` esetera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta` Miller Distributors Limited u l-istess Miller Distributors Limited.**

**vs**

**Charlo Cachia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fis-27 ta' Marzu 1999 ghal xi t-3.00 p.m., waqt li Joseph Cachia kien qed isuq vettura Ford Transit Nru. GAA 805, propjeta` tas-socjeta` attrici Miller Distributors Limited, fl-*estate* industrijali ta' San Gwann, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-vettura Ford Escort Nru. GAO 686 misjuqa mill-konvenut (Dok.1);

Illi l-vettura Nru. GAA 805 kienet assikurata mas-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited *nomine* taht polza ta' assikurazzjoni *comprehensive,* u s-socjeta` attrici Miller Distributors Limited, bhala l-assikurat, ghamlet *claim* wara l-incident fuq riferit;

Illi d-danni tal-atturi kienu jammontaw ghal elf erba' mija tmienja u erbghin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm 1,448.75c) dovuti in kwantu ghal elf erba' mija tlieta u ghoxrin lira, u hamsa u sebghin centezmu (Lm 1,423.75c) lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited *nomine* bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata a tenur tal-polza *comprehensive* kif ukoll spejjes ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta' attrici

Elmo Insurance Agency Limited *nomine* giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin Lira (Lm25) lis-socjeta` attrici Miller Distributors Limited bhala danni minnhom subiti u mhux koperti mill-polza *comprehensive* (Dok. 2 sa Dok. 8);

Illi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm interpellat biex jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. Tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont komplessiv ta' elf erba' mija tmienja u erbghin Lira hamsa u sebghin centezmu (Lm1,448.75c) occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited *nomine* is-somma ta elf erba' mija tlieta u ghoxrin lira hamsa u sebghin centezmu

(Lm1,423.75c) bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata a tenur talpolza *comprehensive* kif ukoll spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta` attrici *nomine* giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lis-socjeta` attrici Miller Distributors Limited bhala danni minnhom subiti u mhux koperti mill-polza *comprehensive.*

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mis-7 ta' Jannar 2000, kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 15 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Charlo Cachia a fol 19 tal-process fejn gie eccepit:

1. Li preliminarjament n-notifika tal-esponenti mhijiex korretta skond il-ligi u dan ghaliex huwa mizzewweg u ma gietx notifikata l-mara tieghu;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi u dan peress illi l-incident in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort unikament tas-sewwieq Joseph Cachia u dan minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess attur kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u li ghalhekk id-danni kollha ghandhom jigu sopportati mill-atturi;

3. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut a fol. 20 u 21 tal-process fejn gie premess:

Illi fis-27 ta' Marzu 1999 ghal xi t-3.00 p.m. l-esponenti kien qed isuq vettura tat-tip Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni GAO 686 u kien ghaddej fi triq principali fl-*estate* industrijali f'San Gwann, Joseph Cachia impjegat tas-socjeta` attrici Miller Distributors Limited u li ghalieh qeghdin jidhru s-socjetajiet attrici waqt li kien qieghed isuq il-vettura Ford Transit bin-numru tar-registrazzjoni GAA *805* qabad u hareg minn triq sekondarja u laqat lill-vettura misjuqa mill-konvenut;

Illi dan l-incident gara tort unikament ta' Joseph Cachia impjegat tas-socjeta` attrici Miller Distributors Limited minhabba traskuragni, imperizja, negligenza non-kuranza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Il-konvenut ghalhekk talab li l-atturi jghidu ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex;

1. Tiddikjara li dina l-kollizzjoni grat tort unikament ta' Joseph Cachia impjegat tas-socjeta` attrici Miller Distributors Limited minhabba traskuragni, imperizja, negligenza non-kuranza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. Tillikwida d-danni totali okkorendo bl-opera ta' periti nominandi; u

3. Tikkundanna lis-socjetajiet attrici jhallsu lill-konvenut in solidum is-somma hekk likwidatat in linea ta' danni, kollox skond kif intqal u ghar-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez kontra l-atturi komprizi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-presenti kontra s-socjetajiet attrici u Joseph Cachia li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 21 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi a fol. 23 tal-process fejn gie eccepit:

1. <u>In linea preliminari</u>, il-kontro-talba tal-konvenut hija irrita u nulla a tenur tal-**Art. 396 u Art. 400 tal-Kap. 12** stante li mill-kawzali segwita mill-ewwel talba tal-konvenut jirrizulta li l-pretensjoni tieghu mhix diretta kontra l-eccipjenti li pprezentaw l-azzjoni principali izda hija diretta kontra persuna li mhix parti fil-kawza.

2. <u>Ukoll in linea preliminari,</u> <u>u bla pregudizzju ghall-premess</u>, il-konvenut ma jistax iressaq it-talbiet rikonvenjonali tieghu kontra l-eccipjenti stante li <u>*ghar-rigward ta' dawn it-talbiet rikonvenzjonali*</u> l-eccipjenti mhumiex il-legittimi kontraditturi tal-konvenut.

3. <u>Bla pregudizzju ghall-premess,</u> <u>u fil-meritu</u>, l-ewwel talba tal-konvenut ghandha tkun michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament tort tal-konvenut innifsu.

4. It-tieni talba ghandha ghalhekk tkun respinta billi ma hemmx danni x'jigu likwidati favur il-konvenut.

5. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun rigettata billi l-atturi eccipjenti m'ghandhomx ikunu kundannat ihallsu danni lill-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi u l-lista tax-xhieda taghhom (fol. 24 u 25 tal-process).

Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 2000 fejn il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghat-talba konvenzjonali u l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghat-8 ta' Gunju 2000.

Rat il-verbal tat-8 ta' Gunju 2000 fejn Dr. Chris Cardona talab li jirregola ruhu dwar l-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghall-kontro-talba. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop u okkorrendo ghat-trattazzjoni dwar l-istess eccezzjoni inkluza t-tieni eccezzjoni tal-atturi ghall-5 ta' Lulju 2000.

Rat il-verbal tal-5 ta' Lulju 2000 fejn il-kawza giet differita ghall-provi attrici ghall-1 ta' Novembru 2000 bil-fakolta` li s-socjeta` attrici tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-atturi tat-18 ta' Awissu 2000 fejn gie prezentat l-affidavit ta' Joseph Cachia (fol. 31 u 32 tal-process).

Rat il-verbal tal-1 ta' Novembru 2000 fejn il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu u pprezenta nota ta' cessjoni tal-kontro-talba tieghu datata l-1 ta' Novembru 2000 a fol. 36 tal-process. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet ghat-22 ta' Frar 2001.

Rat il-verbal tat-22 ta' Frar 2001 fejn xehdu Elaine Cachia, PS 833 Francis Seychell u Charlo Cachia. Dr Zammit McKeon iddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-kontro-ezami tas-sewwieq Joseph Cachia ghat-2 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbali tat-2 ta' Mejju 2001 u tal-20 ta' Gunju 2001 fejn xehed Joseph Cachia u Dr Cardona ddikjara li m'ghandux provi aktar, tas-6 ta' Novembru 2001 u tas-17 ta' Jannar 2002 fejn id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li gara fis-27 ta' Marzu 1999 fit-3.00.p.m. fl-Izvilupp Industrijali ta' San Gwann, bejn vettura Reg.No. GAO – misjuqa mill-konvenut u l-vettura Reg. No. GAA – 805 misjuqa minn Joseph Cachia.

Illi d-dinamika tal-incident hija pjuttost cara u fil-fatt mill-provi rrizulta li s-sewwieq tal-vettura Numru GAA – 805,

impjegat mas-socjeta` attrici Miller Distributors Limited u assikurata mas-socjeta` attrici, hareg minn gjo triq ghal fuq it-triq principali, saq fl-istess triq principali billi mill-ewwel gibed ghan-nofs it-triq, u dana bl-intenzjoni li jdur fuq il-lemin tieghu, u wara li xeghel l-indicator tal-lemin u beda jdur lejn il-lemin, huwa gie milqut mill-vettura Reg. No. GAO – 686 misjuqa mill-konvenut, li kienet gejja mill-istess direzzjoni tieghu u fuq in-naha l-ohra u hazina tat-triq, b'mod li l-vetturi spiccaw mahbuta kif indikat fl-iskizz redatt mill-Pulizija u li jinsab esebit a fol. 8 tal-process.

Illi **Joseph Cachia** sostna fl-affidavit tieghu datat 18 ta' Awissu 2000 li l-karozza misjuqa mill-konvenut kienet kompletament *'wrong side'* fil-mument tal-impatt stante li huwa kien wasal biex jidhol fit-triq fuq il-lemin tieghu.

Illi in kontro-ezami fl-20 ta' Gunju 2001 sostna li bejn l-ewwel triq u t-tieni triq hemm tul ta' Awla darbtejn cirka, u dejjem il-konvenut kellu spazzju sabiex jaqbzu fuq in-naha tax-xellug tieghu ghaliex huwa kien gibed ghan-nofs it-triq biex idur fuq il-lemin tieghu.

Illi **is-Surgent P.S. 833 Francis Seychell** fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Frar 2001 qal li s-sewwieq tal-vettura GAA – 805 wara l-incident sostna mieghu li kien tielgha minn naha ta' San Gwann, kiser fuq l-lemin tieghu, u l-karozza misjuqa mill-konvenut dahlet gjo fih, mentri l-konvenut qallu li kien ser jaqbez lill-karozza l-ohra, u din dahret fuq il-lemin u sar

l-impatt. Ix-xhud ikkonstata li l-*brake marks* tal-vettrua tal-konvenut kienu *wrong side* u fil-fatt hekk huma indikati bhala tali fl-istess skizz minnu redatt u li huwa kkonferma bil-gurament tieghu; dwar id-daqqiet huwa xehed li dawn kienu fuq il-*bonnet u l-front mudguard* fuq l-karozza misjuqa mill-konvenut u *front door* u fin-nofs tal-van fuq il-karozza assikurata mas-socjeta` attrici.

Illi l-**konvenut Charlo Cachia** fit-22 ta' Frar 2001 min-naha tieghu xehed li huwa kien tielgha l'emergenza bit-tifel mill-Mosta meta f'hin minnhom l-mara qaltlu li l-karozza l-ohra kienet hierga minn fuq ix-xellug; rah hiereg minn fuq l-*istop sign* u dan hareg u l-konvenut haseb li s-sewwieq l-iehor kien ser jibqa' ghaddej ghad-dritt pero` dan minflok dar ghal fuq il-lemin, wara li hareg idu u kiser lejn il-lemin u sar l-impatt.

Illi **Elaine Cachia, mart l-konvenut** fis-seduta tat-22 ta' Frar 2001 sostniet li kienu tilghin min-naha ta' San Gwann u peress li kellhom it-tifel ibati bil-*cruop* kienu ghaddejjin mhux hazin, meta hareg l-iehor f'daqqa u l-konvenut biex jevitah qabzu, izda l-iehor kiser f'daqqa fuq il-lemin bla ebda sinjal bl-*indicator,* u baqghu jitkaxkru sew tant li gew ftit il-boghod mil-hajt tal-kantuniera l-ohra.

Illi mid-dinamika tal-incident jidher li l-istess konvenut kien qed jittenta jaghmel sorpass fit-triq principali f'San Gwann li taghti ghall-fabbriki fil-punt fejn hemm speci ta' inkroccju u

dan fih innifsu huwa gja perikoluz tant li l-**paragrafu 74 tal-Highway Code** jipprovi li :-

*"DO NOT OVERTAKE at or when approaching*

(i) *a pedestrian crossing.*
(ii) *a road junction.*
(iii) *a sharp corner or bend.*
(iv) *the brow of a hill.*
(v) *a hidden dip.*

Illi din ir-regola hija komplementari mar-regola numru **71** tal-istess **Highway Code** li tghid li:-

*"Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to others. Be specially careful at dusk and in the mist, when it is more difficult to judge speed and distance".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut ghazel li jaghmel sorpass meta avvicina l-karozza ta' quddiemu, u dan jidher li sar peress li l-istess konvenut kien mghaggel, ghaliex kellu it-tifel tieghu ma jiflahx, tant li huwa stess iddeskriva s-sitwazzjoni li kien qed isuq fiha bhala wahda ta' emergenza, u in verita` lanqas biss kien induna li l-istess konvenut kien hareg mit-triq fuq ix-xellug tieghu, li ma kienitx ghall-mara tieghu li rat l-istess karozza; huwa dan irnexxielu jevitah, pero` minhabba li kien

mghaggel huwa ddecieda li jaghmel sorpass fuq l-istess karozza minn fuq il-lemin, bil-konsegwenza li sar l-incident ghaliex s-sewwieq l-iehor dar fuq il-lemin tieghu.

Illi fil-fatt jidher car mill-istess skizz li l-konvenut ikkometta ruhu sew sabiex jaghmel dan is-sorpass, tant li mill-iskizz jidher li l-*brake marks* tieghu li huma twal 24.50 metri jibdew min-naha hazina tat-triq u qeghdin kollha kemm huma *wrong side,* u dan ifisser li l-konvenut kien miexi fuq in-naha hazina tat-triq u kif stqarret martu stess kien ghaddej b'certa velocita` proprju minhabba l-kondizzjoni tat-tifel tieghu, b'mod li huwa gja kien kommess meta s-sewwieq l-iehor kien beda jdur fuq il-lemin tieghu, u ghalhekk kif il-karozza ta' quddiemu indikat li ser taghmel *right turning,* l-istess konvenut ma setgha qatt jikkontrolla l-investiment tal-vettura tieghu, ghaliex kemm minhabba l-velocita` li kien ghaddej fiha, u kemm minhabba l-fatt li ma zammx *proper look out,* u kif ukoll peress li kien gja kommess li jaghmel l-istess sorpass meta l-karozza l-ohra kienet diga quddiemu fuq il-*crown of the road,* huwa pogga ruhu fi stat ta' *self inflicted incapacity*, li wassal li sar l-impatt, li bis-sewqan tal-konvenut, kien in verita` inevitabbli, peress li l-komportament tieghu kien tassew negligenti.

Illi dan qed jinghad ghaliex mill-provi kollha prodotti jidher li l-istess konvenut kien qed isuq b'tensjoni, kawza tal-kondizzjoni tat-tifel, li jidher li huwa kien intenzjonat li jasal biex jaghti kura lit-tifel fil-post fejn kellu jmur bla

konsiderazzjoni tar-regoli tat-triq, tant li kien qed isuq bi *speed* eccessiv, u dan bil-konsegwenza li naqas li jara dak li kien quddiemu, tant li lanqas induna bil-karozza li kienet harget minn fuq ix-xellug, naqas li jsegwi it-tragitt tal-istess, u l-indikazzjonijiet li kienu qed isiru, b'dan li kien inkapaci li jagixxi sabiex jirrispondi ghall-manuvra tas-sewwieq li kien quddiemu, tant li huwa iddecieda li jaghmel is-sorpass bil-konsegwenza li habat mal-karozza ta' quddiemu li kienet ser taghmel jew kienet qed idur lejn il-lemin taghha, u dan is-sorpass sar proprju fl-inkroccju tal-istess triq ma ohrajn jaghtu ghall-fabbriki fl-istess *estate* industrijali ta' dawk l-inhawi.

Illi mela allura jsegwi li l-konvenut kien traskurat fuq almenu zewg punti u cjoe' li fl-ewwel lok ghazel li jaghmel sorpass f'punt hdejn inkoccju li huwa post fih innifsu perikoluz li ssir tali manuvra, tant li hija ghal kollox inkonsiljabbli, u fit-tieni lok huwa ttenta jaghmel sorpass meta s-sewwieq l-iehor kien quddiemu miexi fil-*crown of the road* u qed jindika li ser idur fuq il-lemin tieghu, u fil-fatt il-konvenut la darba kien gja kommess minn distanza notevoli qabel li jaghmel l-istess sorpass, kompla miexi bl-istess manuvra u kompla bil-manuvra ta' sorpass anke meta ma kienx jaf fejn is-sewwieq l-iehor quddiemu kien sejjer, izda skond huwa assuma biss li kien ser jibqa' miexi ghad-dritt, kalkolazzjoni li fic-cirkostanzi, u mhux l-inqas minhabba l-fatt li s-sewwieq l-iehor kien qed jindika fejn sejjer, kienet ghal kollox zbaljata.

Illi minn dan kollu isegwi li l-istess konvenut minhabba dawn ic-cirkostanzi kollha pogga ruhu *b'self inflicted incapacity* u fic-cirkostanzi tal-kaz isegwi li l-istess konvenut ghamel il-manuvra ta' sorpass meta din ma setghatx issir b'sikurezza. **("Il-Pulizija vs Manuel Mallia"** – Vol. XLIII.) anke minhabba l-lokal li fih kienet qed issir l-istess manuvra.

Illi fil-fatt abbazi tal-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut kien il-kawza prossima tal-istess incident stante li kien qed isuq kompletament b'mod sperikolat, bla ma jaghti kaz ta' utenti ohra tal-istess triq, tant li kien qed isuq fi stat ta' agitazzjoni, b'mod li lanqas ra dak li kien hemm quddiemu, u meta induna b'dak li kien qed isir kien tard wisq, ghaliex kemm bl-*ispeed* li kien ghaddej, u kemm bis-sewqan tieghu fuq in-naha hazina tat-triq, huwa ma setgha qatt jikkontrolla l-manuvra tal-vettura tieghu, b'mod li definitivament ikkawza l-incident in kwistjoni.

**III. <u>LIKWIDAZZJONI.</u>**

Illi mill-provi prodotti u mid-dokumenti esebiti bhala Dok. "2" sa Dok. "8" a fol. 9 sa fol. 15 jirrizulta li l-atturi ppruvaw id-danni minnhom rikjamati kollha konsegwenza tal-istess incident fuq indikat, u dan apparti l-fatt li fic-cirkostanzi talli danni jidhru li huma ragonevoli u ma gew bl-ebda mod ikkontestati mill-istess konvenut, u ghalhekk din il-Qorti

tillikwida l-ammont ta' danni kif fil-fatt proposti mill-atturi stess fic-citazzjoni taghhom fl-ammont ta' elf erba' mija tmienja u erbghin Lira hamsa u sebghin centezmu (Lm1,448.75c).

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kontro-talba tal-konvenut stante c-cessjoni taghha, u tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. Tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont komplessiv ta' elf erba' mija tmienja u erbghin Lira hamsa u sebghin centezmu (Lm1,448.75c).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited *nomine* is-somma ta' elf erba' mija tlieta u ghoxrin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,423.75c) bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata a tenur tal-polza *comprehensive* kif ukoll spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta`

attrici *nomine* giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lis-socjeta` attrici Miller Distributors Limited bhala danni minnhom subiti u mhux koperti mill-polza *comprehensive.*

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mac-citazzjoni attrici ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-istess proceduri, u bl-imghax legali mis-7 ta' Jannar 2000 sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Jannar 2002.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Jannar 2002.**